MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 115/2010/1

**Rikors Numru: 115/2010/CSH**

**Anthony Grech**

**vs**

**Christian Lund**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-3 ta' Dicembru 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:***

*Rat ir-rikors ta' Thomas Jacobsen bhala mandatarju ta' Christian Lund prezentat nhar is-17 ta' Marzu 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-*

*"Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Mejju 2007, Anthony Grech ipprezenta ittra ufficjali mertu tar-rikors odjern.*

*Illi Christian Lund huwa ta' nazzjonalita Norvegiza u jghix barra minn Malta.*

*Illi bhala rizultat huwa qatt ma gie notifikat bl-atti tal-ittra ufficjali kif trid il-ligi u dana ghandu jirrizulta bl-iktar mod car lil din l-Onorabbli Qorti minn investigazzjoni tad-dokumentazzjoni relattiva.*

*Illi a tenur tat-tielet proviso tal-artikolu 166A sub artikolu (1) id-debitur irid ikun prezenti f'Malta sabiex tali azzjoni tigi maghmula b'success.*

*Illi d-debitur la huwa residenti f'Malta u lanqas ma gie notifikat b'dana l-att kif trid il-Ligi.*

*Illi a tenur tal-artikolu 166 A (5) (i), d-debitur huwa intitolat jitlob illi l-effetti tal-ittra ufficjali odjerna reza ezekuttiva mir-Registratur tal-Qorti tigi rexissa u dikjarata bhala nulla u bla effett fil-Ligi."*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li tisma' lill-partijiet kif trid il-Ligi, tirrexxindi l-effetti ezekuttivi tal-ittra ufficjali mertu ta' dan ir-rikors, u tiddikjara tali titolu esekuttiv bhala null bla effett fil-Ligi.*

*Rat ir-risposta ta' Anthony Grech fejn espona s-segwenti:-*

*"Illi preliminarjament il-procedura adoperata mir-rikorrent Thomas Jacobsen nomine hija tardiva stante illi skont l-artikolu 166A (5) tal-Kap 12, huwa kellu ghoxrin gurnata minn meta gie notifikat b'xi mandat ezekuttiv.*

*Illi kif jirrizulta mill-anness dokument (dok A) kien sar Mandat ta' Qbid u l-Marixxal inkarigat bl-ezekuzzjoni tieghu kien halla kopja tar-referta relattiva b'lista tal-oggtti kollha maqbuda mal-imsemmi Christian Lund fit-28 ta'*

*Jannar 2008. Ir-rikors odjern sar fis-17 ta' Marzu 2010 ossia iktar minn sentejn wara.*

*Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-intimat Christian Lund kien residenti Malta fil-perijodu meta saret u giet notifikata l-ittra ufficjali in kwistjoni u kien hemm anke komunikazzjoni bejnu u l-esponent dak iz-zmien."*

*Rat in-nota ta' Christian Lund fejn ikkonferma s-segwenti permezz ta' numru ta' dokumenti. Huwa spjega dak li gej:-*

*"Kontra l-esponenti gew intavolati zewg ittri ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ittra ufficjali bin-numru 5289/07 qatt ma giet notifikata lill-esponent, vide Dok A anness. L-ittra ufficjali 2515/07 li a bazi taghha saret il-kawza odjerna, lanqas ma qatt giet notifikata lill-esponenti! Mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok B jidher ampjament car illi* ***l-Marixxal irnexxielu biss jinnotifika lil certu Ercon Simpleh bil-passaport Nru A 1007073, liema persuna infurmat lill-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi illi l-istess Christian Lund jinsab imsiefer!*** *Ghaldaqstant il-procedura taht l-artikolu 166A ma setghet qatt tigi adoperata kontra l-konvenut li fil-mument kien imsiefer u wisq inqas tkun meqjusa bhala notifikata!*

*Oltre dan l-istess* ***ittra ufficcjali Numru 2515/07 ma giet qatt reza ezekuttiva hekk kif tassattivament rikjest*** *mill-Artikolu 166B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kjarament jghid li "ittra ufficjali maghmula skont l-Artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu eskuttiv sakemm ma tkunx giet registrata skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ghandhom japplikaw ghar-registrazzjoni' ta' dawk l-ittri ufficjali bhala titoli ezekuttivi". Naturalment l-attur ma seta' qatt irendi ezekuttiva l-ittra numru 2515/07 stante li ma kienx hemm notifika lill-konvenut Lund!*

*Illi minkejja n-nuqqas ta' notifika u li l-ittra qatt ma giet reza ezekuttiva, l-attur b'mod frawdolenti u qarrieqi xorta pproceda sabiex johrog mandat ezekuttiv kontra l-konvenut Lund! Dan huwa abbuz serju tal-procedura u li*

*jrendi null ab initio l-procedura kollha persegwitata mill-attur u dan taht il-principju legali li fraus omnia corrumpit!*

*Il-qerq tal-attur huwa aktar u aktar ikkonfermat fejn* ***f'rikors fl-atti tal-mandat ta' Qbid Numru 3515/07 huwa jiddikjara illi l-ittra ufficjali 2515/07 giet reza esekuttiva fl-10 ta' Ottubru 2007 meta l-istess ittra qatt ma giet reza esekuttiva!*** *Vide Dok C hawn anness. L-10 ta' Ottubru 2007 kienet id-data meta l-Marixxal mar bl-ittra ufficjali izda gie infurmat minn Ercon Simpleh, li ghalih saret referenza fil-paragrafi precedenti, li Lund jinsab imsiefer. L-ittra ufficjali numru 2515/07 baqghet qatt ma giet reza ezekuttiva u ghalhekk kull azzjoni bbazata fuqha hija frawdolenti, nulla u illegali stante li l-attur ma jinsabx fil-pusess ta' titolu ezekuttiv! (Vide affidavit ta' Christian Lund markat Dok CL.)*

*Rat l-affidavit ta'* ***Christian Lund*** *esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok CL fejn huwa kkonferma li fit-8 ta' Ottubru 2007 huwa telaq minn Malta ghal Angola u ai fini tal-istess huwa esebixxa kopja tal-airmiles tieghu li jindikaw it-titjira li ha tal-Airmalta. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-Visa li huwa ghamel sabiex jottjeni dhul fl-Angola u l-bolla tal-Immigrazzjoni ta' Angola li tindika li huwa dahal fil-pajjiz fid-9 ta' Ottubru 2007 (Dok CL1 sa CL3). Ikonferma wkoll li huwa qatt ma rcieva ittri ufficjali jew gie notifikat b'tali dokumentazzjoni.*

*Semghet lil* ***Anthony Grech*** *jixhed bil-gurament nhar id-19 ta' Ottubru 2010. Illi dan spjega li kien ipprezenta Mandat ta' Qbid kontra Christian Lund, u dan kien permezz tal-procedura tal-affissjoni u kienu sahansitra anke ghamlu pubblikazzjoni tal-avviz fil-gazzetti lokali. Ghamel ukoll Mandat ta' Inibizzjoni kontra tieghu permezz tal-procedura tal-affissjoni, u jaf li l-prokuratur legali tieghu kien tkellem mieghu personalment.*

*Meta gie muri r-riferta tal-Marixxal a fol. 6 tal-atti jghid li din kienet ir-riferta li kien hemm fuq il-Mandat ta' Qbid li huwa kien ipprezenta fil-konfront ta' Christian Lund. In oltre stqarr li Lund kien iffirma fuq l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat.*

*In kontro ezami ighid li jaf li Lund ikun hawn Malta on and off u jaf ukoll li jaghmel diversi titjiriet barra minn Malta ghal zminijiet qosra. Jaf pero' li meta pprezenta l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A, Lund kien qieghed hawn Malta, pero' jekk sifirx wara li pprezentaha ma jafx.*

*Mistoqsi jekk jafx min hu Ercon Simpleh li kien irceiva l-ittra ufficjali, jghid li din hija persuna qrib hafna ta' Lund, billi effettivament Lund kellu l-affarijiet personali tieghu f'idejn dan Simpleh. Personalment pero' ma jafux.*

*Ikkunsidrat:-*

*In sintesi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficjali li kien ipprezenta l-intimat nhar is-7 ta' Mejju 2007, u dan ghaliex in-notifika li saret mhix wahda legali, u dan ghaliex ir-rikorrenti kien imsiefer fid-data meta Ercon Simpleh accetta n-notifika taghha.*

*L-intimat min-naha l-ohra qed jghid li t-talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha, u dan ghaliex ir-rikorrenti ma segwiex il-Ligi fis-sens li ma kkontestax il-validita o meno tan-notifika tal-ittra ufficjali maghmula ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 fiz-zmien moghti fil-Ligi fis-sub inciz (5) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u cioe' fi zmien l-ghoxrin jum mid-data tan-notifika.*

*M'hemmx dubju li mill-atti processwali jirrizulta li l-intimat ipprezenta l-ittra ufficjali kontra r-rikorrenti Christian Lund nhar is-7 ta' Mejju 2007 (fol. 17 Dok B) u din giet notifikata lir-rikorrenti nhar l-10 ta' Ottubru 2007, meta skont irriferta tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi, Ercon Simpleh inghata kopja taghha fir-residenza msemmija fl-istess ittra ufficjali, u cioe' La Favorita, Triq Ivo M. Azzopardi, San Giljan. Jirrizulta li meta dan Ercon Simpleh gie notifikat, ir-rikorrenti kien imsiefer lejn l-Africa (vide Dok CL3 fol. 23). Jirrizulta wkoll li 'n segwitu' l-intimat kien ipprezenta Mandat ta' Qbid ezekuttiv numru 3151/07 fl-ismijiet* ***Anthony Grech vs Christian Lund*** *a bazi tat-titolu li*

*huwa kien allegatament ottjena permezz tal-ittra ufficjali fuq imsemmija.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-intimat kien istitwixxa proceduri fil-konfront tar-rikorrent odjern skont l-**Artikolu 166A tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u dan billi pprezenta l-Ittra Ufficjali ai termini tas**-sub artikolu 2 tal-artikolu 166A** li jghid:-*

*"(2) Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali, u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju, bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tattalba…."*

*Issa l-**Artikolu 166A (4)** jistipula f'kaz li d-debitur, f'dan l-kaz ir-rikorrenti, ma jwegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu s-segwenti:-*

*"Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum min-notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficjali kienet inkluza fl-artikolu 253 (a)."*

*Dan hu proprju dak li qed jikkontendi l-intimat, li la r-rikorrenti ma kienx wiegeb, allura t-titolu tieghu gie rez ezekuttiv.*

*Illi pero' l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u appuntu **s-sub artikolu (5)** tal-istess disposizzjoni, tipprovdi x'ghandu jsir*

*f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wegibx tkun wahda gustifikata. Dan is-sub artikolu jghid hekk:-*

*"(5) "Titolu ezekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

*Issa f'dan il-kaz l-intimat qed jallega li n-notifika saret skont il-Ligi, u dan ghaliex saret fir-residenza tar-rikorrenti, u cioe' La Favorita, Triq Ivo M. Azzopardi, San Giljan u dwar dan il-fatt li din hija r-residenza tar-rikorrenti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Min-naha l-ohra pero' r-rikorrenti qed jghid li huwa ma kienx jaf b'din l-Ittra Ufficjali qabel ma kien ircieva l-Mandat ta' Qbid ezekuttiv ghaliex meta l-ittra ufficjali giet imhollija f'idejn Ercon Sempleh huwa kien imsiefer 'il boghod minn dawn il-Gzejjer, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti – kien l-Africa.*

*Issa kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appelli Inferjuri fis-sentenza* ***Angelo Bartolo noe vs Emmanuel Zammit*** *deciza fit-30 ta' Marzu 2001 ai termini tal**-artikolu 187 (1) tal-Kap 12** "in-notifika ta' att issir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lil persuna li lilha l-iskrittura tkun notifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna, jew f'idejn il-prokuratur legali taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."*

*Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-ittra ufficjali thalliet f'idejn Ercon Simpleh f'dar f'San Giljan. Meta xehed Anthony*

*Grech u gie mistoqsi min hu dan Ercon Simpleh, huwa qal li huwa habib tar-rikorrenti. Fl-ebda hin ma qal li jghix mieghu u li huwa awtorizzat jircievi l-posta tieghu, lanqas ma qal li huwa xi mpjegat jew taht is-servizz tar-rikorrenti Christian Lund. Jidher biss li l-intimat kellu tliet indirizzi tar-rikorrenti u gara li f'wiehed minnhom kien hemm persuna d-dar fil-hin meta mar il-Marixxal.*

*In linea ma' dak li gie deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet* ***Michael Angelo Fenech et noe vs Dr. Philip Sciberras noe*** *deciza nhar l-4 ta' Gunju 2009, notifika li tithalla f'idejn persuna meta d-destinatarju taghha huwa msiefer, ma tkunx valida.*

***Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li n-notifika li saret tal-ittra ufficjali numru 2515/07CSH fl-ismijiet Anthony Grech vs Christian Lund mhix valida, hija nulla u bla effett u konsegwentement tiddikjara li l-istess ittra ufficjali m'ghandhiex ikollha titolu ezekuttiv."***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Grech datat 23 ta' Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta ta' Christian Lund datata 4 ta' Lulju 2011 a fol 28 tal-process fejn issottometta li l-appell huwa rritu u null  u mproponibbli ghar-ragunijiet hemm indikati u fin-nuqqas li din il-Qorti tiddikjara dan tichad l-appell u tikkonferma l-ewwel digriet ghar-ragunijiet suesposti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Stefano Filletti ghall-appellat, u Dr David Camilleri appellant li ghandu fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal biex jindika l-artikolu li abbazi tieghu sar dan l-appell bin-notifika lill-

kontro-parti li jkollu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2012.

Rat in-nota tal-appellant datata 25 ta' Novembru 2011 a fol. 34 tal-process.

Rat in-nota tal-appellat datata 15 ta' Dicembru 2011 a fol. 37 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Dicembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi dwar l-eccezzjoni mqajjma mill-appellant quddiemha li r-rikors ma kienx intavolat fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tal-mandat esekuttiv jew xi att iehor imsejjes fuq dak it-titolu u dan skond l-**artikolu 166A (5) tal-Kap. 12** dan meta jidher li l-appellat kien gie notifikat b'mandat ta' qbid fit-28 ta' Jannar 2008 u meta r-rikors quddiem l-Ewwel Qorti sar fis-17 ta' Marzu 2010.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li kienet saret ittra ufficjali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12** kontra l-appellat datat 7 ta' Mejju 2010 li fil-verita' ma kinitx notifika lill-appellata, li kien barra minn Malta, izda lil certu Ecron Simpleh (li lanqas huwa wiehed mill-persuni indikati fl**-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12)** u jirrizulta li tali procedura lanqas setghet tigi utilizzata f'dak iz-zmien fil-konfront tal-appellat peress li dan lanqas kien Malta u dan kif jinsab indikat fl-**artikolu 166A tal-Kap. 12** li appuntu jipprovdi li din il-procedura tal-ittra ufficjali ma tistax tigi uzata meta d-debitur ikun barra minn Malta. Mela allura l-hrug tal-istess ittra ufficjali fic-cirkostanzi indikati u bir-riferta indikata qatt ma setghet tammonta ghal titolu esekuttiv abbazi tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12.** Dan ukoll

iwassal sabiex jirrizulta li effettivament tali ittra ufficjali lanqas tista' tigi kkunsidrata bhala titolu esekuttiv anke fil-kuntest tal-**artikolu 166 A tal-Kap. 12** u dan ghaliex tali ittra ufficjali lanqas giet registrata skond kif indikat fl-**artikolu 166B** u ghalhekk lanqas tikkostitwixxi titolu esekuttiv abbazi tal-imsemmi **artikolu 166A (5) tal-Kap. 12.** Fil-fatt tali registrazzjoni setghet issir biss jekk ir-Registratur tal-Qorti jara li tali ittra ufficjali harget skond il-Ligi u saret id-debita notifika, li ma huwiex il-kaz ghaliex l-ittra ufficjali harget meta l-appellat kien barra minn Malta kif jirrizulta mir-riferta tal-istess ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 2007 li taqra testwalment li tali ittra ufficjali thalliet *"f'idejn Ercon Simpleh ..........(Gejt informat minn Ercon Simpleh li Christian Lund jinsab imsiefer)* (Dok. "B" – fol. 18) u kif inghad jirrizulta li n-notifika lanqas biss saret.

Illi dan ifisser allura li t-terminu indikat fl-**artikolu 166A (5) tal-Kap. 12** ma kienx japplika ghaliex ma kien hemm ebda titolu esekuttiv, u dan peress li sabiex l-ittra ufficjali tigi kkunsidrata bhala tali kellha tkun registrata skond l-**artikolu 166 B tal-Kap. 12,** u allura t-terminu ndikat fl-istess artikolu ma setghax jibda jiddekorri proprju ghaliex tali ittra ufficjali ma kienitx tikkostitwixxi *"Titolu esekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu...",* la darba tali ittra ufficjali lanqas gie ppruvat li giet registrata abbazi tal-**artikolu 166 B tal-Kap. 12** li jipprovdi li *"Ittra ufficjali maghmula skond l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu esekuttiv sakemm ma tkunx giet registrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ghandhom japplikaw ghar-registrazzjoni ta' dawk l-ittri ufficjali bhala titoli esekuttivi".* Huwa ghalhekk allura li tali terminu indikat fl-**artikolu 166A tal-Kap. 12** ma huwiex applikabbli ghall-appellat, u dan ghaliex ma hemmx it-titolu esekuttiv hemm indikat fil-ligi.

Illi fit-tieni lok jidher li tali hrug tal-ittra ufficjali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12** f'dawn ic-cirkostanzi ma setax isir ghaliex id-debitur ma kienx hawn Malta u allura tali ittra ufficjali kienet nulla *ab initio* u ma setghet qatt tigi kkunsidrata bhala titolu esekuttiv ghaliex harget kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 166A (1) u (2) tal-Kap. 12** u allura setghet tigi dikjarata nulla f'dan il-

kaz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) la darba jirrizulta li *"(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htiegijiet stipulati fis-subartikolu (1) (2) jew (3)".*

Illi f'dan il-kaz sar dan il-pronunzjament mill-Ewwel Qorti llum suggett ghal din il-procedura proprju abbazi tal-procedura specjali stabbilita skond l- **artikolu 166A (5) tal-Kap. 12** li jindika dawn ir-ragunijiet biss hemm specifikati kif ittra ufficjali li qed tigi pprezentata bhala titolu esekuttiv skond l-imsemmi artikolu tista' tigi ddikjarata nulla u bla effett, u din hija l-unika procedura li tista' twaqqaf l-esekuzzjoni ta' mandat mahrug in sostenn ta' tali titolu esekuttiv. Tali procedura hija ghalhekk wahda specjali u tipprovdi kif tali ittra ufficjali tista' tigi attakkata quddiem l-Ewwel Qorti, izda fl-istess hin l-istess disposizzjonijiet ma jipprovdux ghall-appell mill-istess decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, u certament li tali decizjoni ma hijiex wahda moghtija wara kawza skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 tal-Kap. 12,** li minnha hemm appell quddiem din il-Qorti skond l-**artikolu 49 tal-Kap. 12.** Dak li allura gie sottomess mill-appellat li fl-istat tal-Ligi kif inhi din hija procedura specjali, li certament ma jammontax ghal azzjoni jew kawza kif imfissra fl-**artikolu 47 tal-Kap. 12,** u tali procedura *sui generis* ma tipprovdix ghall-procedura ta' appell, hija korretta u allura ma hemm l-ebda appell minn decizjoni mehuda fil-kuntest tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12.** Fil-fatt id-decizjoni tal-Ewwel Qorti tammonta ghal digriet li ma hemm ebda appell minnha u jista' jigi revokat biss bi proceduri appositi mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba tirrevoka dak id-digriet u huwa biss minn tali decizjoni li hemm dritt ta' appell quddiem din il-Qorti (**"Jonathan Shaw vs David Shaw"** – A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009). Ghalhekk l-appell odjern qed jigi ddikjarat ghal dawn ir-ragunijiet bhala improponibbli u null u bla effett ghall-finijiet u termini kollha tal-ligi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' r-risposta tal-appell tal-**

**appellat Christian Lund datata 4 ta’ Lulju 2011, tichad l-appell interpost mill-appellanti Anthony Grech fir-rikors tal-appell tieghu datat 23 ta’ Dicembru 2010 ghaliex tali appell huwa mproponibbli u allura null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, b’dan allura li ma hemm ebda appell mid-decizjoni “Fl-atti tal-ittra ufficjali maghmula ai termini tal-artikolu 166A Numru 2515/07 fl-ismijiet: “Anthony Grech vs Christian Lund” datata 3 ta’ Dicembru 2010 (Rikors 115/10/CSH).**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Anthony Grech.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------